# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

**Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tat-Tlieta 4 ta' Dicembru 2001**

Avviz numru 97/98

Saviour sive Silvio Calleja

-vs-

Margaret Buttigieg

Il-Qorti;

Rat l-avviz ipprezentat fit-22 ta' Settembru 1998 permezz ta' liema l-attur qieghed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm178) dovuti mill-konvenuta ai termini ta' l-iskrittura tat-23 ta' Gunju 1998.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lill-konvenuta fil-5 ta' Lulju 1998 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta opponiet t-talba billi eccepiet illi:

1. t-talba ta' l-attur hi infondata fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-konvenuta m'ghandha taghti l-ebda ammont lill-attur.

2. Illi l-hanut Albert Store fl-Imsida Malta kien operat minn Manuel Cassar u mhux mill-konvenuta. Infatti kull ftehim dwar l-operat ta' l-istess hanut dejjem gie iffirmat mill-istess Manuel Cassar.

3. Illi l-iskrittura tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju 1998 giet iffirmata mill-konvenuta taht theddid mill-attur illi mar fir-residenza tal-konvenuta u heddidha biex hija tiffirma l-istess skrittura.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-attur qieghed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq l-iskrittura esebita folio 13 li permezz taghha l-konvenuta ddikjarat li lesta li thallas l-ammont pretiz mill-attur sa l-ahhar tax-xahar, ossija ta' Gunju tal-1997, billi d-dikjarazzjoni giet iffirmata fit-23 ta' dak ix-xahar.

Id-data hi fil-fehma tal-Qorti ta' relevanza kbira partikolarment fid-dawl tax-xhieda prodotta mill-konvenuta konsistenti fix-xhieda taghha stess u ta' certu Manwel Cassar li jirrizulta ha l-hanut sussegwentement. Difatti jirrizulta minn folio 28 li dan ta' l-ahhar ha l-hanut minghand l-attur fit-28 ta' Marzu 1998 cioe' disa' xhur wara d-dikjarazzjoni fuq citata esebita folio 13.

Fil-kuntest ta' dawn id-dati hi ferm kredibbli u verosimili x-xhieda ta' Massimo Calleja (folio 21) meta stqarr li kien hemm problemi mal-konvenuta fuq l-pagamenti ta' kera u meta gie deciz li l-hanut jintradd lura sar "stock take" bl-intiza li l-istock ezistenti imur sabiex jissalda l-ammont ta' kera dovuta. Kompla spjega x-xhud li meta saru l-konteggi instab illi l-konvenuta xorta kien ghad fadlilha taghti xi flus, liema ammont hu appuntu dak pretiz fl-avviz ta' l-attur u rifless fid-dikjarazzjoni fuq citata.

Minn effettivament kien jiggestixxi l-hanut almenu sad-data tad-dikjarazzjoni tal-konvenuta johrog wisq car mix-xhieda taghha stess. Difatti l-konvenuta ma nnegatx anzi kkonfermat li "l-ewwel ftehim tal-kera" ghamlitu hi; izda mhux biss ghaliex zdiedet tghid li "t-tifel [taghha] ma riedx aktar ikompli b'dan il-hanut ghaliex iddejjaq u komplih Emanuel Cassar". U allura hi ghal kollox irrilevanti x-xhieda ta' dan ta' l-ahhar u fejn tirreferi ghall-ammont mertu dina l-kawza hi addirittura inverosimili. Dan l-ammont mill-assiem tal-provi jirrizulta li huwa dovut u fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement pruvat li l-ammont irrizulta favur l-attur mis-stock take fuq riferit.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq esposti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' d-domanda ta' l-attur u tikkudanna lill-konvenuta thalsu l-ammont ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm178) bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 1998.

L-isepjjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenuta komprizi ta' l-ittra ufficjali fuq riferita.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur